**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. BRIGITTE SULTANA LL.D. LL.M (CARDIFF)**
**ADV. TRIB. ECCL.MELIT**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Jordan Agius (K.I 2896G)**

**Każ numru: 31/2020**

**Seduta tal-Erbgħa, 24 ta' Novembru 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat Jordan Agius, li għandu karta tal-identità bin-numru 2896G ta' 24 sena, iben Joseph u Pennelope nee' Lee, imwieled Rabat Għawdex, nhar il-14 ta' Awwissu 1995 u residenti 6, Triq it-Trux, l-Għarb, Għawdex akkużat talli nhar 2 ta' Awwissu 2020 għall-ħabta ta' 2.00a.m. waqt li kien qiegħed fi triq il-Port, iż-Żebbuġ, Għawdex u/jew fil-viċinanzi:-

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f' periklu ċar, ikkaġuna offiża ta′ natura gravi fuq il-persuna ta' Nicholas Scerri, skont kif iċċertifikat it-tabib Dr. Gabriel Degiorgio M.D. Reg. No. 6089 minn l-isptar Ġenerali ta′ Għawdex u dan bi ksur tal-artikoli 214, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta.

2. U **aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi** bil-lejl kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b′mod ieħor u dan bi ksur tal-artikolu 338(m) tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta.

U aktar talli rrenda ruħu reċidiv bi diversi sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta/Għawdex) li huma definitivi li ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti ġiet mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni offiżi u ċjoè ta′ Nicholas Scerri jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-imsemmi Nicholas Scerri minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża′ ta′ vjolenza, toħroġ ordni ta′ protezzjoni kontra l-akkużat.

Il-qorti ġiet ukoll mitluba illi tipprovdi għal garanzija ta′ Nicholas Scerri skont artikolu 412 (Ċ) tal-Kap. 9 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li ġiet esebita l-fedina penali tal-imputat Jordan Agius;

Rat li fis-seduta tas-7 ta′ Awwissu, 2020, Nicholas Scerri ppreżenta nota sabiex jirreġistra l-interess tiegħu bħala parte civile;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali (a fol. 206) datata 21 ta′ Mejju, 2021 li permezz tagħha bagħat lill-imputat Jordan Agius biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta′ Ġudikatura Kriminali kif dak li hemm maħsub taħt:

- Fl-artikolu 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta;
- Fl-artikolu 214; 215; 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta;

- Fl-artikolu 338(m) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 383; 384; 385 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tat-28 ta' Mejju, 2021 (a fol. 208), ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali datat 21 ta' Mejju, 2021 u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2021 il-Prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-każ u b'hekk għalqet il-provi tagħha;

Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Ġunju 2021 id-difiża ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq u b'hekk għalqet il-provi tagħha;

Rat illi minkejja li fis-seduta tal-25 ta' Ġunju 2021, il-Qorti kkonċediet żmien lill-Prosekuzzjoni u lid-difiża sabiex jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub, l-ebda waħda mill-partijiet ma ppreżentat in-nota msemmija;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet ix-xhieda kollha;

Rat in-nota ta osservazzjonijiet tal-akkużat ippreżentata fl-24 ta' Settembru, 2021;

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għax-xiehda u għad-dokumenti saljenti li ġew mismugħa u preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni.

**Xhieda**

Fis-7 ta' Awwissu, 2020 xehed **Nicholas Scerri**[1], il-persuna aggredita. Skont dan ix-xhud huwa kien miexi ma' ibnu Julian Scerri f'Marsalforn u beda jiġi insultentat u wara spiċċa anke aggredit. Il-ħin tal-inċident kien 12:30 ta' filgħodu. Jgħid li qabel l-inċident huwa kien qed jissoċjalizza u kien ilu mill-10:30 ta' filgħaxija. Mar f'żewġ ħwienet l-Electra u l-Pennellu u hemmhekk xorob il-birra. Mistoqsi kemm xorb birra ma jiftakarx però mbagħad jiftakar ma' min kien qed jixrob u kemm aggredewh nies. Mistoqsi jekk jiftkarx li huwa u miexi beda jaqleb l-imwejjed u siġġijiet jgħid li ma jiftakarx però jiftakar li ċertu wieħed Kenneth beda jkellmu kliem oxxen. Nicholas Scerri anke identifika lill-imputat bħala wieħed mill-aggressuri tiegħu. Isostni li jiftakar li l-imputat tah daqqa u meddu mal-art u li kien hemm sitt persuni oħra miegħu. Jgħid li huwa ma jistax jiftakar dettalji riżultat tax-xebgħa li qala' iżda fl-istess nifs jidentifika fejn qala' d-daqqiet[2]. Jgħid li ma setax jiddefendi ruħu minħabba li għandu problemi f'dahru. Jgħid ukoll li wara l-aggressjoni huwa mar id-dar bil-mixi bl-assistenza ta' ibnu. Jgħid illi joqgħod Marsalforn. L-għada filgħodu ħatnu ħadu l-isptar minħabba l-ġrieħi li sofra. Jgħid li għandu ksur f'subgħajh ta' saqajh u ġrieħi oħra, inkluż f'rasu.

**In kontroeżami** jgħid li kien ilu jixrob mill-10:30 ta' filgħaxija. Jgħid li kien qed jixrob il-birra u li xorob mat-tlieta u erba' pinet u li kien imlaħlaħ. Jerġa' jtenni li ma jiftakarx x'wassal għal ġlieda però jiftakar li xi snin ilu sid l-Arragosta kien offendieh. Irnexxielu jikkonferma wkoll min tah id-daqqiet, però ma jiftakarx jekk kienx hu li beda jaqleb is-siġġijiet u l-imwejjed li kien hemm quddiem il-ħanut "L'Arragosta".

**Julian Scerri**[3] iben il-vittma xehed li l-inċident li fih kien involut hu u missieru seħħ għall-ħabta ta' nofsillejl u seħħ meta hu u missieru kienu fi triqithom lejn il-ħanut "Trenta Nove". Jgħid li huma kienu mixjin fuq il-bankina il-wiesgħa, f'daqqa waħda ra lil missieru mal-art u li kien qed jiġi msawwat minn ħamest irġiel. Huwa pprova jwaqqafhom iżda safa msawwat ukoll. Dan ix-xhud identifika lil Jordan Aguis bħala l-persuna li tat l-ewwel daqqa lil missieru li medditu mal-art u mbagħad l-oħrajn

[1] A fol 17 sa fol 35 tal-proċess
[2] A fol 21 tal-proċess
[3] A fol 36 sa fol 51 tal-proċess

bdew jagħtuh ukoll. Ix-xhud identifika lill-imputat bħala il-persuna li aggredixxa lil missieru. Jgħid li wara missieru spiċċa mal-art bid-daqqa li tah l-imputat imbagħad il-ħamest irġiel l-oħra komplew jagħtuh. Magħhom kien hemm ukoll sid l-"Arragosta". Ikompli jgħid li wara l-aggressjoni mar ma' missieru d-dar li tinsab f'Marsalforn stess.

**In kontroeżami** jgħid li huwa u missieru bdew jissoċjalizzaw għall-ħabta tal-16:00. Marru l-"Electra" minn fejn xorbu l-alkoħol għalkemm mhux il-ħin kollu. Jgħid illi xorbu mas-sebgħa u tmien pinet birra sa nofsillejl. Jgħid li kemm hu u kemm missieru kienu mlaħalħin.

**Alan Tabone**[4] xehed illi huwa ra l-*footage* tal-ġlieda fuq Instagram, ċempel lill-pulizija u għarrafhom b'dan. Il-Pulizija qalulu biex imur l-għassa. Afferma illi dak li ra hu seta' jarah kulħadd, kull min għandu aċċess għal Instagram u Facebook.

**In kontroeżami** dan ix-xhud qal li l-vittma, li jiġi ħatnu ma setax isuq l-għada tal-ġlieda. Jgħid illi huwa mar għand il-vittma l-għada tal-ġlieda fis-13:30 u baqa' għandu sas-19:30, imbagħad wara marru jagħmlu r-rapport l-għassa. Jgħid li l-vittma ma kienx jiftakar x'ġara iżda jiftakar li kien hemm ħamest irġiel jagħtuh xebgħa. Huwa ma staqsiehx x'wassal għal ġlieda. Jgħid ukoll li l-vittma qallu li fost dawk li tawh xebgħa kien hemm raġel mis-Serbja.

Xehed ukoll l-**Ispettur tal-Pulizija Bernard Charles Spiteri**[5]. Jgħid illi fit-2 ta' Awwissu, 2020 huwa ġie infurmat illi fis-2:00 ta' filgħodu Nicholas Scerri kien ġie aggredit minn grupp ta' rġiel u li kien sofra ġrieħi gravi. Jgħid li għal bidu l-pulizija ma kellhomx ħjiel ta' min kienu l-aggressuri iżda mbagħad PS 698 Shaun Tabone ġabar informazzjoni li wieħed mill-aggressuri kien Aleksander Trajkovski. Sa dak il-ħin il-pulizija ma kellhiex ismu iżda kienet infurmata biss illi dan ir-raġel kien mill-Maċedonja.

Fil-5 ta' Awwissu, 2020 għall-ħabta tad-9:30 u l-10:00 ta' filgħodu PS 698 Shaun Tabone infurmah illi kellu l-identità tal-aggressur u li kien qed

[4] A fol 52 sa fol 56 tal-proċess
[5] A fol 64 sa fol 69 tal-proċess

jinżamm l-għassa tar-Rabat, Għawdex. Il-vittma Nicholas Scerri ntalab li jmur l-għassa sabiex jidentifika lil dan l-individwu. Iben il-vittma wkoll kien miegħu iżda ma setax jgħid mija fil-mija jekk il-persuna miżmuma kinitx wieħed mill-irġiel li aggredew lil missieru. Jgħid ukoll li iben il-vittma afferma li kien hemm żewġt irġiel li aggredew lil missieru.

L-Ispettur Spiteri esebixxa tlett ċertifikati rilaxxati minn Dr Gabriel Degiorgio u fuq wieħed minnhom il-ġrieħi subiti minn Nicholas Scerri huma deskritti bħala gravi.

Jgħid ukoll li l-vittma għadda lill-pulizija il-*footage* tal-ġlieda. Minn dan il-filmat il-Pulizija rnexxiela tirrisali għal Aleksander Trajkorvski kif ukoll għall-imputat bħala l-persuni li kienu involuti fl-aggressjoni ta' Nicholas Scerri. Jgħid illi l-imputat kien identifikat bħal il-persuna illi tat l-ewwel daqqa lil Nicholas Scerri. Ġie identifikat ukoll Peter Paul Agius li kien involut fil-ġlieda. L-imputat ukoll jidher li qed jaħrab minn fuq il-post.

Ikompli jgħid li kemm l-imputat kif ukoll Aleksander Trajkovski ġew interrogati mill-pulizija u rrilaxxaw stqarrija liema stqarrija saret il-preżenza tal-avukat ta' fiduċja tagħhom. Aleksander Trajkovski għażel li ma jirrispondix għal mistoqsijiet li sarulu u għażel li jiffirma l-istqarrija. Kompla jgħid li l-imputat waqt l-interrogazzjoni ċaħad illi huwa ta' daqqa ta' ponn lil Nicholas Scerri.

**In kontroeżami** jgħid li l-pulizija kienet ukoll ser tressaq quddiem il-Qorti lil Nicholas Scerri u takkużah illi kien fis-sakra f'post pubbliku. Jgħid ukoll li l-pulizija kienu infurmawh li meta marru fuq il-post dakinhar li seħħet il-ġlieda l-vittma ma kienx qed jikkopera mal-pulizija għax kien xurban.

Mistoqsi mill-avukat difensur tal-imputat jekk Nicholas Scerri kienx identifika n-numru ta' nies involuti fil-ġlieda, dan ix-xhud wieġeb illi Scerri kien semma lil Kenneth Cutajar però mill-investigazzjonijiet tal-pulizija ma kienx irriżulta l-involviment ta' din il-persuna fil-ġlieda.

**Joseph Attard**[6] xehed li huwa kok fil-ħanut l-"Arragosta". Jgħid li dak il-*weekend* kien wieħed mimli xogħol. Xħin kienu qed ilestu biex jagħlqu l-

[6] A fol 78 sa fol 84 tal-proċess

ħanut għal xi 2:00 ta' filgħodu semgħu l-istorbju u ra ħafna nies jiġġieldu. Kienu barranin u ma għaraf lil ħadd. Qal li dak il-ħin tkellem ma' raġel barrani li qallu li missieru kien qed jiġġieled. Imbagħad ġew il-pulizija, il-persuna li kien hemm mal-art qam waħdu u kien jidher imxengel. Jgħid ukoll li ra xi tlett siġġijiet maqlubin mal-art.

Xehed ukoll **Peter Paul Agius**[7], iz-ziju tal-vittma. Dan jgħid li huwa kien għand il-"Pennellu" jixrob u l-vittma mar ħdejh. Jafferma li ra lil Nicholas Scerri jzappap u dan qallu li ried imur l-isptar l-għada għax anke kellu dahru juġgħu. Jgħid li mbagħad hu telaq u mar fil-bar "Trenta Nove" u waqt li kien qed jixrob ra n-nies iqumu minn bilqiegħda. Mar jara x'ġara u jgħid li ra lil neputih l-akkużat mal-art u lil Nicholas Scerri jistiednu għal ġlied. Jgħid li ġibed lill-akkużat iżda meta ħares lura ra lil Scerri ma l-art. Jgħid li ma jistax ikun li kien l-akkużat li medd lil Scerri mal-art billi l-akkużat kien f'idejh. Jgħid li apparti lill-akkużat u lill-vittma ma jagħraf lil ħadd aktar u li Marsalforn dakinhar kien hemm ħafna nies.

**Dr Gabriel De Giorgio**[8] xehed illi huwa invista lil Nicholas Scerri fit-2 ta' Awwissu, 2020. Jgħid li huwa kien qed isofri minn tbenġila f'rasu mingħajr ħsara fil-ġilda. Din it-tbenġila kienet ħames (5) ċentimetri. Kellu selħa ta' ċentimetru fuq ix-xagħar ta' għajnejh in-naħa tax-xellug kif ukoll selħa taħt għajnejh ta' madwar żewġ (2) ċentimetri. Kellu selħa ta' żewġ (2) ċentimetri fuq il-minfes in-naħa tal-lemin u selħa ta' żewġ (2) ċentimetru fuq xofftu ta' fuq in-naħa tal-lemin. Kellu tbenġila oħra fuq ix-xedaq in-naħa tal-lemin. Kienet minfuħa u twila erba' (4) ċentimetri. Kellu wkoll nefħa ta' għaxar (10) ċentimetri fuq kull naħa tal-għonq. X'aktarx li n-nefħa kienet fil-muskolu billi Scerri kien qed isofri minn uġiegħ meta jdawwar għonqu. Fis-sieq in-naħa tax-xellug Scerri kien muġugħ kif ukoll kellu diffikultà u wġiegħ fil-ħames saba'. L-għaksa tax-xellug kienet minfuħa. L-għaksa tal-lemin ukoll kellu wġiegħ iżda ma kienx hemm tbenġil.

---

[7] A fol 70 sa fol 77 tal-proċess
[88] A fol 100 sa fol 107 tal-proċess

Is-CT Scan wera li kien hemm nefħa fl-għonq. X-Ray tal-pala tas-sieq wera li Scerri kellu ksur f'subgħajh iż-żgħir. Is-saba' ż-żgħir tal-pala tal-lemin kien miksur ukoll.

Mistoqsi dwar iż-żmien ta' fejqan dan ix-xhud jgħid illi rigward il-gundalla jiddependi fuq l-indiwidu kemm iddum ma tgħaddi. Rigward il-brix dawn ifiequ wara ġimgħa u l-ksur suppost li jkunu fiequ wara sitt ġimgħat.

**In kontroezami** dan ix-xhud jgħid li l-vittma kien qallu li kien ġarrab il-ġrieħi l-ġurnata ta' qabel u hu skanta kif allura mar l-għada waranofsinhar l-isptar. Jgħid li ma jistax jikkummenta dwar id-duratura tat-tbenġil a bażi tal-kulur tagħhom billi kull bniedem huwa differenti. Jgħid ukoll li Scerri kien qed izappap.

**Anthony Camilleri**[9] xehed li jiftakar li kien hemm argument quddiem il-ħanut l-**Arragosta** però ma jiftakarx meta. Ra ħafna nies jgħajtu però huwa telaq 'l hemm. Jiftakar li kien hemm Nicolas Scerri mal-art u li dan ftit tal-ħin qabel kien qed jixrob fil-ħanut tiegħu. Kien hemm ukoll zijuh Peter Paul Agius.

**PS 698 Shaun Tabone**[10] xehed li fit-2 ta' Awwissu, 2020 fis-2:00a.m. persuna ma hux magħrufa ċemplet l-għassa tar-Rabat Għawdex u infurmat il-pulizija li kien hemm ġlieda Marsalforn ħdejn l-*Arragosta*. Meta l-pulizija waslu fuq il-post il-ġlieda kienet waqfet iżda kien għadhom għaddejjin l-argumenti. Kien hemm fuq naħa waħda Nicholas Scerri ma' ibnu Julian u fuq in-naħa l-oħra kien hemm Kenneth Cutajar u l-impjegati tiegħu. Jgħid li skont ma afferma l-vittma Kenneth Cutajar attakkah u mbagħad komplew jagħtuh l-impjegati tiegħu. Dan il-pulizija xehed li Scerri kien jidher li kien fis-sakra u ma kellux kontroll. Jgħid li Scerri infurmah li tlett snin ilu Cutajar kellu argument miegħu wkoll.

Jgħid ukoll li iben il-vittma Julian infurmah li x'aktarx Kenneth Cutajar anke lilu ta daqqa ta' ponn. Jgħid li huwa kellem lil Cutajar li infurmah illi rċieva telefonata mill-ħaddiema biex jinżel il-ħanut u meta wasal ra

[9] A fol 110 sa fol 115 tal-proċess
[10] A fol 120 sa fol 122 tal-proċess

lill-vittma fil-ħanut jinsulenta lill-ħaddiema tiegħu. Malli rah huwa jgħid li mar għalih u bdew jinsulentaw lil xulxin.

Jgħid ukoll li huwa qal lil Scerri biex imur l-Isptar iżda dan irrifjuta. L-Ispettur Bernard Charles Spiteri kien infurmat bl-inċident.

Rigward il-filmat jgħid li dan kien qed jdur fuq il-midja soċjali u jidher li Scerri kien aggredit minn Aleksander Trajkovski. Infatti dan tal-aħħar intalab imur l-għassa u għażel li ma jweġibx għal mistoqsijiet li sarulu. Jgħid li aktar tard ġie identifikat ukoll l-imputat li kien involut fil-ġlieda.

**L-Istqarrija**

L-ewwel dokument li ser tagħmel referenza għalih din il-Qorti huwa l-istqarrija tal-imputata li ġġib id-data 7 ta' Awwissu, 2020[11]. Tosserva li l-imputat ġie mogħti l-lista ta' drittijiet tiegħu u huwa għażel illi jagħmel l-istqarrija fil-preżenza tal-avukat ta' fiduċja tiegħu.

Skont ma jirrakkonta fl-istqarrija huwa kien involut fl-argument li seħħ fil-lejla tat-2 ta' Awwissu, 2020. F'dan l-argument kien involut Nicholas Scerri. Jgħid illi huwa jaf lil Scerri. Ikompli jgħid illi kien qed jixrob fil-ħanut *Unwind* meta sema' l-għajjat u mar jara x'ġara. Ra lil Scerri jwaddab is-siġġijiet u huwa mar fuqu u beda jgħajjatlu. Jgħid li Scerri qabdu minn għonqu. Jirrakkonta li kien hemm ċertu wieħed Peter Paul u żammu iżda malli rħielu ftit huwa mar u ħabat għal Scerri. Jagħti stampa ċara ta' kemm tah daqqiet u fejn laqat lil Scerri :

*" Video jidher car xi għamilt. Jien l-ewwel daqqa li xejjirtlu ma lqattux u jien dak il-ħin tajtu daqqa bis-sieq u lqattu fuq koxxtu jew fuq l-istonku. Wara xejjirtlu daqqa oħra u lqatu fl-istonku jew sidru*

*...nikkonferma li dak li għamilt hu dak li jidher fil-filmat*

*...Jien lil Nicholas xejjirtlu zewg daqqiet ta ponn u ma lqatux, imma lqatu darbtejn bi saqajja bħalma diga għidt."*

**Ikkunsidrat**

[11] A fol 10 u 11 tal-proċess

Issa qabel din il-Qorti tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-imputazzjonijiet per se addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser l-ewwel tagħmel numru ta' konsiderazzjonijiet ġenerali speċjalment minħabba l-fatt li l-verżjoni mogħtija mill-allegata vittma Nicholas Scerri tad-dinamika tal-ġlieda tikkonstrasta ma' dik mogħtija minn uħud mix-xhieda prodotti.

Huwa prinċipju assodat li l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri u dan għaliex kif jgħid il-Manzini[12] :

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Barra minn hekk sabiex imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu trid tiġi pruvata oltre kull dubju raġjonevoli, ċjoé oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Dan iżda ma jfissirx li l-iċken dubju jwassal għal-liberazzjoni tal-imputat. Infatti fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-**ismijiet Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, ġie ritenut li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Għalhekk dak li l-Qorti trid tasal għalih hu, li wara li tevalwa ċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u wara li tapplika s-sens komun tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Dan il-proċess ġie deskritt minn Lord Denning fil-każ **Miller vs Minister of Pension**[13] -

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

---

[12] Diritto Penale, Vol III, Cap. IV, Ediz.1890
[13] 1974, 2 All ER 372

Kien deċiż[14] ukoll li:

"*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*".

Dan ifisser li meta l-Qorti tkun rinfaċċata b'verżjonijiet kunfliġġenti hija għandha timxi fuq dik il-verżjoni li taċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura tiddikjara tali ħtija u tgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor. Kunflitt fil-verżjonijiet mogħtija mhux neċessarjament iwasslu għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata, iżda l-Qorti f'każ ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skont il-kriterji annunċjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal għal konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx.

Infatti l-Qorti tista' tistrieħ fuq xhud wieħed biss kif del resto hija ntitolata li tagħmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jgħid illi xhud wieħed jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar.

Dan ifisser illi kollox jiddependi fuq il-kredibilità tax-xhieda u għalhekk il-Qorti għandha tagħti qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatizzi oħra tax-xhieda tagħhom u jekk x-xhieda hiex imsaħħa minn xhieda oħra u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dunque l-Qorti trid l-ewwel tara liema hija l-verżjoni l-aktar verosimili rigward dak li seħħ fit-02 ta' Awwissu 2020 – jekk hijiex dik ta' Nicholas Scerri jew jekk hijiex dik tal-imputat.

Jingħad mill-ewwel li fil-każ odjern l-Qorti għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-filmat tal-ġlieda. Irid jingħad iżda illi filwaqt li huwa minnu li filmat huwa rakkont ħaj *a tempo vergine* ta' dak li jkun ġara madankollu

---

[14] Il-Pulizija vs Charles Ducker, Appell Kriminali, deċiża 19 ta' Mejju, 1997

fil-każ odjern il-Qorti tirraviża problema illi timmina il-valur probatorju ta' dan il-filmat. Dan qed jingħad billi l-persuna li allegatament ġibdet il-filmat, Zak Rapinett, ma ġiex prodott mill-prosekuzzjoni bħala xhud u awtur tal-filmat sabiex jikkonferma l-istess filmat bil-ġurament tiegħu u għalhekk il-Qorti ma hix ser tieħu in konsiderazzjoni il-kontenut tal-filmat . Din l-istess linja ta' ħsieb kienet ġiet addottata mill-Qorti Kriminali fil-kawża **Repubblika ta' Malta vs David sive David Norbert Schembri**[15].

Barra minn hekk Max Xuereb lanqas kien f'pożizzjoni jikkonferma jekk il-filmat li ngħata kienx l-oriġinal jew inkella kienx ġie mbagħbas u għalhekk din il-Qorti tqis li ma tistax toqgħod fuq tali filmat fl-evalwazzjoni tal-fatti kif ġraw.

Il-Qorti fliet ukoll l-istqarrija tal-akkużat[16] liema stqarrija ġiet rilaxxata fis-7 ta' Awwissu 2020 wara li l-imputat ingħata d-dritt li jikkonsulta ruħu ma' avukat ta' fiduċja tiegħu u wara li pprevalixxa ruħu minn dan id-dritt irrilaxxa l-istess stqarrija fil-preżenza tal-avukat ta' fiduċja tiegħu. F'din l-istqarrija l-akkużat kien ċar u mingħajr ekwivoċi ta stampa ċara ta' kif seħħ l-argument.

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**

**Offiża ta' Natura Gravi fuq il-persuna ta' Nicholas Scerri.**

Illi fir-rigward tal-ġrieħi sofferti minn Nicholas Scerri, il-Qorti tirrileva li in linea mal-ġurisprudenza[17] nostrana *"Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża"*.

---

[15] Deċiża 31 ta' Mejju, 2007
[16] A fol 10 sa fol 11 tal-proċess
[17] Il-Pulizija vs Generoso Sammut, Appell Kriminali, deċiża 2 ta' Awwissu, 1999.

Di più l-kwistjoni jekk offiża hix waħda ħafifa u ta' importanza żgħira, ħafifa, gravi jew gravissima hi waħda ta' fatt u għalhekk rimessa għall-ġudikant[18] u għalhekk ma tiddependix fuq dak li jirriżulta miċ-ċertifikat mediku. Ix-xhieda tat-tabib hija importanti sabiex ikun spjegat il-ħsara iżda mbagħad jispetta għall-Qorti li tixtarr il-fatti kollha miġjuba quddiemha u tiddetermina n-natura tal-offiża. Fid-dawl ta' dan għalhekk il-Qorti ser tevalwa x-xhieda tat-tabib Gabriel Degiorgio[19] bir-reqqa. Minn din ix-xhieda jirriżulta li meta Dr Degiorgio in vista lil Nicholas Scerri waranofsinhar, l-għada tal-ġlieda dan kien qed isofri minn tbenġil u selħiet kif ukoll ksur ta' swaba' ż-żgħar saqajh.

Il-Qorti tosserva li Nicholas Scerri attenda għas-seduta tal-Qorti mingħajr għajnuna. Mexa waħdu mingħajr problemi u l-*walking gait* tiegħu ma kinitx alterata kif soltu jseħħ meta jkun hemm ksur tat-tip li minnu kien qed jilmenta. Barra minn hekk għalkemm Nicholas Scerri afferma li kien ġie l-Qorti liebes il-*flip flops* għax kellu ksur f'subgħajh iż-żgħir riżultat tal-ġlieda, il-Qorti setgħet mingħajr xkiel tinnota li f'saqajn Scerri ma kienx hemm "*neighbour strapping*" tas-saba' ż-żgħir mas-saba' ta' ħdejh. Din hija l-proċedura ortopedika li tintuża f'każijiet ta' ksur tas-saba' ż-żgħir. Dawn iż-żewg fatturi – jiġifieri l-assenza ta' *neighbour strapping* kif ukoll il-*walking gait* ta' Nicholas Scerri jitfgħu dubju serju fuq kemm fil-fatt il-ksur kien riżultat tal-ġlieda.

Mhux hekk biss iżda mix-xhieda tat-tabib Degiorgio kif ukoll mix-xhieda ta' Alan Tabone li Nicholas Scerri jirriżulta li Nicholas Scerri ma marx l-isptar immedjatament wara l-ġlieda iżda mar l-għada waranofsinhar. Il-Qorti tqis li l-fatt li Nicholas Scerri ħalla tul ta' ħin sew biex mar l-Isptar huwa indikattiv li dan ma kienx qed isofri minn uġiegħ li solitament huwa indikattiv ta' ksur altrimenti kien imur l-Isptar mingħajr telf ta' ħin.

Rigward il-grif u tbenġil, din il-Qorti dawn lanqas ma tqishom ta' natura gravi għas-sempliċi raġuni li sabiex ġrieħi jitqiesu gravi jridu jinkwadraw ruħhom fit-termini speċifiċi tal-liġi. Barra minn hekk irid jingħad illi ma nġabet ebda prova li l-Nicholas Scerri kellu xi 'sfreġju' u li l-isfreġju jidher

[18] Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi, Appell Kriminali, deċiża 30 ta' Lulju, 2004
[19] A fol 100 sa fol 107 tal-proċess

minn barra. Skont il-Professur Sir Anthony Mamo, biex ikun hemm mankament jew sfreġju jinħtieġ li dan id-difett ikun jidher minn barra. Dan l-element żgur huwa nieqes fil-każ odjern.

Fuq l-istess linja il-Qorti tal-Appell Kriminali[20] għamlet eżami approfondit tal-kliem użat fl-Artikolu 216 tal-Kap. 9 u kkonkludiet hekk :

*"Il-Qorti ezaminat il-kliem użat fl-artikolu 216. Fil-verżjoni Ingliża jintużaw il-kliem 'deformity' or 'disfigurement'. Skont il-Macmillan English Dictionary, 'deformity' tfisser 'a part of someone's body that is not the normal shape'. Min-naħa l-oħra l-kelma 'disfigurement' tfisser to spoil the appearance of someone or something.'*

*Fid-dizzjunajru tiegħu 'Malti-Ingliż' il-Profssur Ġuże' Aquilina jagħti dawn l-espressjonijiet. Għall-kelma 'sfreġju' huwa jagħti l-kelma 'disfigurement' 'gash', 'cut' 'scar' jew 'slash' waqt li għall-kelma 'mankament' huwa jagħti 'deficiency'. 'imperfection' u 'disfigurement.'*

*Min-naħa l-oħra, skont in-Noti tal-Professur Mamo – (Part II paġina 228):*

*'The word 'deformity' stands for the word 'deformita'' in the old Italian text of our law, and the word 'disfigurement' stands for the word 'sfregio' therein.*

*Now to 'deform' implies something more serious than to 'disfigure'. Any external injury which detracts from the appearance fo the face or of the neck or of either of the hands – the most conspicuous parts of the human body – provided it is not too trivial – will be a sufficient 'disfigurement' to make the bodily harm grievous. The word 'sfregio' used with reference to the face in article 372 of the Italian Code of 1889, on which our provision was identically modelled, was officilaly interpreted as including 'qualunque mocumento ch puo' recarsi alla regolarita' del viso dell'armonia dei suoi lineamenti od anche alla sua bellezza.' (Relazione Ministeriale sul progetto del 1887, n CXLV111). If the injury is more marked as to give to any of those parts of the body affected an unpleasant appearance, as by causing a considerable alteration of the tissues, then the disfigurement becomes deformity.*

[20] Il-Pulizija vs William Mercieca, Appell Kriminali, deċiż 20 ta' Gunju, 2014.

*But it must be clearly noted that, in our law, in order that the bodily harm may be considered grievous, it is not necessary that the deformity or disfigurement of the face, or of the neck or of either of the hands be serious and permanent.' "*

Għalhekk għalkemm huwa minnu li l-vittma wara l-ġlieda spiċċa bi brix, grif u tbenġil però mill-provi prodotti ma jirriżultax li dawn jittraduċu ruħhom f''mankament' jew 'sfreġju' kif imfissrin aktar 'il fuq u għalhekk m'hemmx dubju li l-ewwel imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma ġietx sodisfaċentement pruvata.

Dan ma jfissirx iżda, li l-akkużat ma hu ħati ta' xejn u dana billi l-Qorti tqis li l-brix u tbenġil jammontaw għal ġrieħi ta' natura ħafifa u għalhekk issib lill-imputat ħati li kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Nicholas Scerri, u dan ai termini tal-Artikolu 221 tal-Kap 9, reat li huwa kompriż fl-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

**Billejl kiser il-mistrieħ b'għajjat u ħsejjes jew b'mod ieħor.**

Tenut kont ta' dak li ġià ngħad rigward il-valur probatorju tal-filmat esebit il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li l-imputat bl-aġir tiegħu kiser il-mistrieħ b'għajjat u ħsejjes b'mod ieħor u għalhekk ma hix ser issibu ħati ta' din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Fir-rigward tal-piena li għandha tiġi inflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti, filwaqt li ser tieħu in konsiderazzjoni dak li għadu kemm ingħad, ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-segwenti: n-natura tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat u kif ukoll il-fedina penali[21] tal-istess imputat. Mill-fedina penali jirriżulta li din ma hix l-ewwel darba li l-imputat kien involut fi ksur tal-liġi. Però tenut kont tal-età tal-ħati tqis li għandha ttih ċans ieħor sabiex jieħu ħsieb jitgħallem jevita l-inkwiet. Il-Qorti qed twissi lill-imputat li ma hix ser tkun disposta li ttih ċans ieħor jekk jerġa' jġib ruħu kif għamel fit-2 ta' Awwissu, 2020.

---

[21] A fol 9 tal-proċess

Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li piena ta' priġunerija sospiża fil-konfront tal-imputat tkun aktar opportuna fiċ-ċirkostanzi bil-għan li l-imputat jifhem li dak li huwa għamel dakinhar tat-2 ta' Awwissu 2020 fil-konfront ta' Nicholas Scerri kien ħażin ħafna u jagħraf ma jerġax jirrepetih.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datata 21 ta' Mejju 2021 u senjatament Artikoli 17, 31, 533, 214, 215, 216 u 218, 221 338(m), 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ma ssibx lill-imputat Jordan Aguis ħati li kkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta Nicholas Scerri u lanqas ma ssibu ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu però ssibu ħati li kkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq l-istess persuna ta' Nicholas Scerri u tikkundannah għal perjodu ta' xahar priġunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġi sospiż għal sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-ħati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkometti reat ieħor fi żmien sentejn.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur